**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 383/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Keith Joseph Mallia**
**(ID 148471(M))**

**Illum, 30 ta' Ġunju 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Keith Joseph Mallia**, ta' 37 sena, iben Emanuel u Theresa nee` Sciberras, imwieled Ħ'Attard fis-6 ta' Marzu 1971 u residenti 'Golden Gennet', Triq Dun Ġużepp Demicoli, Ħal-Għaxaq, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 148471(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-18 ta' Mejju 2008 u matul is-sentejn ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizżat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Kellu fil-pussess tiegħu l-mediċina DHC speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tittratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ. Dr. A. Vella LL.D, tal-31 ta' Mejju tas-sena 2004.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa tisma' l-provi mismugħa fil-kawża sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[1];

Rat ukoll illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2016, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi in vista tal-koperazzjoni tiegħu fil-mori ta' l-investigazzjoni, l-imputat għandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta[2];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u rat illi minkejja li d-difiża talbet u ingħatat żmien sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, dan baqgħet m'għamlitux.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Wara rapport li rċeviet il-pulizija dwar allegat traffikar ta' droga, nhar it-18 ta' Mejju 2008, saret osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imputat odjern ġewwa Ħal Għaxaq, fejn għall-ħabta tal-9:45 a.m, ġiet innutata persuna dieħla fl-istess residenza, liema persuna sussegwentement irriżultat illi kienet ċertu John Stagno. Hekk kif ħareġ minn din ir-residenza, il-pulizja waqqfet lil Stagno u fil-pussess tiegħu, instabet sustanza suspettata droga eroina li, skont hu, ġiet fornuta lilu mill-imputat odjern. Iżjed tard

[1] Ara a fol. 73 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 106 tal-proċess.

fl-istess jum, il-pulizija aċċediet ġewwa r-residenza tal-imputat, minn fejn ġew elevati fost oħrajn, qratas bit-trab kannella suspettat eroina u oġġetti oħrajn relatati mad-droga.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

i. **L-Ispettur Johann J. Fenech** xehed illi wara li l-pulizija rċeviet informazzjoni dwar allegat traffikar ta' droga da parti tal-imputat odjern, nhar it-18 ta' Mejju 2008, għall-ħabta tal-9.45 a.m., membri mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga kienu qegħdin iwettqu osservazzjoni fuq ir-residenza tal-istess imputat, meta lemħu ġuvni jħabbat il-bieb tal-istess residenza. L-istess ġuvni, ċertu John Stagno, ġie mwaqqaf mill-pulizija wara li ħareġ mill-istess fond u fil-pussess tiegħu, ġewwa pakkett tat-tabakk, instab pakkett żgħir bi trab kannella suspettat droga. Iżjed tard, mart l-imputat ġiet osservata ħierġa mill-istess residenza u ssuq vettura. Din ukoll ġiet interċettata mill-pulizija. Fil-pussess tagħha ma nstab xejn illegali, iżda l-pulizija ħadet mingħandha ċ-ċwievet tar-residenza tagħha u ta' żewġha, li sussegwentement intużaw sabiex il-pulizija taċċedi fl-istess fond. L-istess Spettur imbagħad ikompli jixhed dwar tagħrif mogħti lilu minn membri oħrajn tal-korp, iżda jgħid ukoll illi fil-mori tal-investigazzjoni, John Stagno stqarr illi l-pakkett li nstab fil-pussess tiegħu, kien akkwistah mingħand l-imputat odjern mingħajr ħlas u li kien ilu madwar sentejn jixtri d-droga mingħandu. Jgħid in oltre illi huwa kien investiga wkoll lill-imputat odjern u esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat dakinhar stess tat-18 ta' Mejju 2008[3], riċevuta tal-oġġetti li ġew elevati mingħand l-imputat waqt it-tfittxija li saret fil-fond in kwistjoni[4], kif ukoll is-sustanza u l-oġġetti elevati, flimkien ma' numru ta' ritratti tal-istess oġġetti, liema ritratti ttieħdu ġewwa l-uffiċju tiegħu minn PC 6[5];[6]

ii. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet proċess verbal dwar ix-xhieda bil-ġurament ta' John Stagno.

Mill-istess proċess verbal[7] jirriżulta illi Stagno rrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar id-19 ta' Mejju 2008, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-

---

[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 18 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 19 tal-proċess.
[5] Dan ir-ritratti jinsabu esebiti a fol. 17 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 12 sa 16 tal-proċess.
[7] Il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 22 tal-proċess.

ġurament tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-istess jum. Jirriżulta wkoll illi f'din l-istqarrija, Stagno jgħid illi huwa kien jieħu l-eroina darba kuljum u li kien ilu jagħmel dan għal tliet snin. L-aħħar li ħa l-eroina kien is-Sibt ta' qabel (ossia nhar is-17 ta' Mejju 2008), f'liema jum huwa xtara pakkett bil-prezz ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25) mingħand Keith magħruf bħala 'in-Nammu'. Jikkonferma illi fil-jum ta' qabel il-pulizija rawh ħiereġ mingħand ċertu Keith Joseph Mallia magħruf bħala 'In-Nammu' minn Ħal Għaxaq u fuqu nstab pakkett tabakk u pakkett bl-eroina. Jgħid ukoll illi huwa ġab dan il-pakkett mingħand Keith, in-Nammu, mid-dar tiegħu f'Ħal Għaxaq u li tahulu b'xejn. Jgħid illi lin-Nammu kien ilu jafu sentejn, u illi f'dan iż-żmien biegħlu d-droga ġieli darba kuljum u ġieli kull jumejn, skont kemm kien ikollu flus. Jgħid ukoll illi jmur għandu ftit, qisu darba f'xahar u dan sabiex jixtri l-eroina. Dwar dan, iżjed tard fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, huwa jispjega illi b'dan ried ifisser illi huwa jmur darba fix-xahar ġewwa d-dar tan-Nammu, stante illi drabi oħra jiltaqa' miegħu, u dan jagħtih l-eroina. Jgħid ukoll illi huwa jixtri droga biss mingħand in-Nammu;[8]

iii. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, **John Stagno** jgħid illi huwa jaf lill-imputat, imlaqqam bħala n-Nammu, stante illi kien jinqeda mingħandu fis-sens illi kien jixtri l-eroina fiż-żmien tal-każ odjern ossia fis-sena 2008. Jgħid illi kien ilu jixtri xi sena mingħandu. Ma ftakarx kemm il-darba xtara mingħandu. Jgħid ukoll illi huwa kien iċempillu u jmur jiltaqa' miegħu fejn kien jgħidlu l-imputat dak il-ħin. Ġieli mar jixtri mid-dar tiegħu. Jgħid ukoll illi kien jixtri mingħandu darba kuljum u li kien jixtri pakkett eroina ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25). Jgħid illi ma jiftakarx iċ-ċirkostanzi li fihom sar jaf li l-imputat ibiegħ id-droga. In oltre huwa kkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija. In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi dakinhar tal-każ odjern, huwa kien ottjena d-droga mingħand l-imputat mingħajr ħlas għax ma kellux flus. Madankollu, mistoqsi jekk l-imputat kienx jagħtih id-droga dejjem b'xejn, huwa jwieġeb fin-negattiv u jgħid illi kien hemm drabi oħra li ma kienx ħallas għad-droga, għalkemm wara jżid jgħid ukoll "*Niddejjnu mhux b'xejn*"[9];[10]

iv. **PC 1355 Cleon Purshouse** jixhed illi fit-18 ta' Mejju 2008, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Fenech, marru ġewwa Ħal Għaxaq sabiex

[8] Ara l-istqarrija ta' Stagno a fol. 6 u 7 tal-proċess verbal u x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, a fol. 8 tal-istess proċess verbal.
[9] A fol. 34 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 28 sa 34 tal-proċess.

josservaw ir-residenza tal-imputat u xi l-9.45 a.m. wasal ġuvni li waqaf ħdejn l-istess residenza. Ftit tal-minuti wara, waslet mart l-imputat li daħlitu fir-residenza. Il-ġuvni ħareġ ftit wara, ġie mwaqqaf u saret tfittxija fuqu, waqt liema tfittxija nstab pakkett tat-tabakk, b'*sachet* fih suspettat li kien fih id-droga eroina. Komplew bl-osservazzjonijiet u għall-ħabta tal-10:30 a.m., raw lil mart l-imputat ħierġa mid-dar u tirkeb vettura. Hija ġiet imwaqqfa l-Marsa u saritilha tfittxija, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. Mill-pussess tagħha, ħadu ċ-ċwievet tar-residenza tal-imputat, liema ċwievet imbagħad intużaw sabiex il-pulizija tikseb aċċess ġewwa l-istess residenza. Ix-xhud jgħid illi hekk kif daħlu fil-fond, huma sabu lill-imputat fil-kċina, bil-qiegħda mal-bank, u quddiemu kellu żewġ *sachets* magħluqin suspettati li kien fihom id-droga eroina, xi *foil* u biċċiet ta' pitazzi. Jixhed ukoll illi fid-*dustbin*, instabet borża miftuħa u mifruxa kontenenti trab kannella suspettat eroina. Gie elevat id-*dustbin* kollu, kif ukoll l-affarijiet kollha relatati mad-droga;[11]

v. **L-Ispettur Saviour Baldacchino** (fiż-żmien tal-każ PS 396) jixhed illi wara li ġiet innutata persuna ħierġa mir-residenza tal-imputat – ċertu John Stagno – huma għamlu tfittxija fuqu u sabulu pakkett suspettat li kien jikkontjeni l-eroina. Sussegwentement ottjenew iċ-ċwievet tar-residenza tal-istess imputat mingħand martu u daħlu f'din ir-residenza, fejn fuq il-mejda tal-kċina sabu żewġ pakketti magħluqin, ktieb bil-karti maqtugħin u flus kontanti fis-somma ta' tmien mija, ħamsa u tmenin ewro (€885). Fid-*dustbin*, instabet kantuniera ta' borża tal-plastik bi traċċi suspettati tad-droga eroina;[12]

vi. **PS 635 Alan Calleja** jixhed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata minn John Stagno nhar id-19 ta' Mejju 2008;[13]

vii. Mir-relazzjoni tal-**Ispiżjar Mario Mifsud** jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti:

    i. Borża tal-plastik trasparenti li kienet issiġillata u fiha kien hemm kwantita` ta' flus tal-ewro;

    ii. Borża tal-plastik trasparenti li kienet issiġillata u fiha kien hemm pitazz b'qoxra ta' lewn aħdar li fuq il-faċċati tiegħu kien hemm il-

[11] Ara din ix-xhieda a fol. 23 sa 27 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 45 sa 48 tal-proċess.
[13] A fol. 49 u 50 tal-proċess.

kitba u faċċata waħda kienet imqatta', *personal organiser* b'kitba fuq il-faċċati tiegħu, erba' *visiting cards, mobile phone* tal-marka Nokia, żewġ biċċiet kartun b'kitba fuqhom, tmien biċċiet karti b'kitba fuqhom, żewġ irċevuti, tlett faċċati minn pitazz b'kitba fuqhom, ittra minn uffiċjal tal-*Probation* Maryanne Zammit, *envelope* ta' lewn kannella b'*label* bajda fuqu bil-kliem 'Chris Xuereb, 18, Valletta Road, Luqa', li ġo fih kien hemm *envelope* vojt tal-Gvern ta' Malta, ħames riklami u *visiting card*. Ma' dawn kien hemm ukoll borża tal-plastik trasparenti, li ġo fiha kien hemm pitazz b'qoxra bajda li fuq il-faċċati tiegħu kien hemm il-kitba. F'dan il-pitazz, kien hemm ħamsa u tletin irċevuta u biċċa karta b'kitba fuqha. Fil-borża tal-plastik kien hemm ukoll basket tal-plastik ta' lewn abjad, li ġo fih kien hemm bott tal-plastik ta' lewn abjad li kien fih ħames pilloli bojod, borża tal-karti ta' lewn abjad li ġo fiha kien hemm tmien pilloli bojod, borża tal-karti oħra ta' lewn abjad li ġo fiha kien hemm sitt pilloli bojod u bott tal-plastik ta' lewn abjad li fuqu kien hemm tikketta bil-kliem, fost oħrajn ta' 'Vitamin and Mineral Supplement'. F'dan il-bott kien hemm kwantita` ta' trab ta' lewn kannella;

iii. Borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm:

a) Borża tal-plastik trasparenti li kienet issiġillata, li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 18/5/08, Hin 11 AM, Elevat/i minn fuq il-mejda tal-kcina, fil-prezenza ta' Keith Mallia, minn PS 1355, PS 1220'. F'din il-borża kien hemm *lighter* ta' lewn aħmar, biċċa *foil* li kienet irrumblata, biċċa *foil* li fuqha kien hemm tiċpis ta' lewn iswed u kannella u li fiha kien hemm ftit trab ta' lewn kannella u qartas tal-karti li fih kien hemm trab ta' lewn kannella;

b) Borża tal-plastik trasparenti, li kienet issiġillata, li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 18/5/08, Hin: 11.30, Elevat/i minn go ziebel, fil-prezenza ta' Keith Mallia, minn PS 1220, PS 1355, PS 396, PC 1319'. F'din il-borża kien hemm speċi ta' borża żgħira tal-plastik li kienet imqatta' u trab ta' lewn kannella;

c) Borża tal-plastik trasparenti, li kienet issiġillata, li fiha kien hemm trab ta' lewn kannella, kontenitur tal-plastik li ġo fih kien hemm erba' biċċiet tal-*foil* li kienu mgħaffġa u traċċi ta' trab ta' lewn kannella u żewġ qratas tal-karti li ġo fihom kien hemm trab ta' lewn kannella.

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti rigward l-imsemmija dokumenti:

a) Illi ma nstabx li kien hemm *mechanical fit* bejn il-karti li hemm indikati fil-paragrafu (ii) *supra* u l-karti tal-qratas li hemm indikati fil-paragrafu (iii) *supra*;

b) Illi ma nstabux sustanzi illegali fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm f'bott tal-plastik indikat fil-paragrafu (ii) *supra*;

c) Illi t-tmien pilloli ta' lewn abjad tal-*Larcagtil (Chlorpromazine)*, ta' doża ta' 25 mg, li jintuża għall-*management of psychotic conditions*, u s-sitt pilloli ta' lewn abjad tal-*Bolvidon*, ta' doża ta' 30 mg, li jintużaw bħala *antidepressants*, indikati fil-paragrafu (ii) *supra*, mhux ikkontrollati bil-liġi;

d) Illi l-ħames pilloli ta' lewn abjad ta' *Dihydrocodeine*, ta' doża ta' 60 mg, li jintużaw bħala *narcotic analgesic*, huma eżentati bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Illi nstabu traċċi tas-sustanza Herojina fuq biċċa *foil* irrumblata indikata fil-paragrafu (iii)(a) *supra* u fil-kontenitur tal-plastik indikat fil-paragrafu (iii)(c) *supra*;

f) Illi fit-trab ta' lewn kannella indikat fil-paragrafu (iii) *supra*, f'ammont nett totali ta' 7.78 grammi (it-trab kannella kien instab fi tlett qratas tal-karti, ġo biċċa *foil* u f'żewġ boroż tal-plastik), instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-purita` medja tat-trab ta' lewn kannella għas-sustanza Herojina kienet ta' ċirka 28.3%. Is-sustanza Herojina hija kontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi t-trab kannella fit-tliet iqratas kellu piż rispettiv ta' 0.15 grammi, 0.13 grammi u 0.12 grammi.

viii. **PS 1220 Chris Baldacchino** jixhed illi fil-jum in kwistjoni[14], saret tfittxija fir-residenza tal-imputat. Jgħid ukoll illi kif daħlu fir-residenza, huma sabu lill-imputat fil-kċina. Huwa mar fuqu u sabu b'idejh kollha mċappsa bi trab kannella. Ressquh minn mal-mejdu u x-xhud innota illi fid-*dustbin* kien hemm borża mifqugħa bit-trab kannella fiha. Sab ukoll boroż tal-plastik imċappsin bit-trab kannella, maqtugħin. Fuq il-mejda kien hemm ukoll żewġt iqratas bit-trab kannella u ġew elevati wkoll xi flus. Mistoqsi x'kien qed jagħmel l-imputat, huwa jgħid "*Jiena sibtu idejh 'l isfel hekk u idejh kollha trab kannella*".[15] Jgħid ukoll illi dak il-ħin, fid-dar kien hemm ukoll żewġt itfal żgħar tal-imputat, iżda huma ħaduhom ġewwa kamra oħra. In kontro-eżami, meta ġie ssuġġerit lilu illi dak il-ħin l-imputat kien qed jabbuża mid-droga, ix-xhud wieġeb fin-negattiv u reġa' sostna li jdejn l-imputat kienu 'l isfel u li x'ħin fittex fid-*dustbin* sab borża mifqugħa bit-trab kannella. Jgħid ukoll illi huma daħlu fir-residenza billi fetħu biċ-ċavetta li kienu ottjenew mingħand mart l-imputat, illi kellhom mandat ta' tfittxija u li x'ħin daħlu avżawh li kienu pulizija, għalkemm ma ħabbtux qabel;[16]

ix. **PC 777 Chris Ebejer** jixhed illi x'ħin daħlu fir-residenza tal-imputat, huma sabuh fil-kċina, idejh fid-*dustbin*, imċappsin bit-trab kannella. Jgħid illi kien hemm ukoll żewġt itfal u għalhekk huwa ħadhom f'kamra oħra, sakemm il-pulizija l-oħra għamlu tfittxija fl-istess residenza. Kull ma jaf hu illi x'ħin daħlu, huwa ra lill-imputat b'idejh miksija bit-trab kannella. In kontro-eżami, huwa jgħid illi daħlu fil-fond biċ-ċwievet li kienu ħadu mingħand il-mara tal-imputat, li huma fetħu l-bieb tal-istess fond, avżaw li kienu pulizija u daħlu. Jgħid ukoll illi huma sabuh bil-qegħda mal-mejda;[17]

---

[14] Għalkemm fl-ewwel xhieda tiegħu, dan ix-xhud jirreferi għal dan il-jum bħala l-15 ta' Mejju 2008, fit-tieni xhieda tiegħu tal-20 ta' Settembru 2013, huwa jikkoreġi din id-data u jirreferi għat-18 ta' Mejju 2008 bħala d-data l-korretta (ara a fol. 75 u 76 tal-proċess).

[15] A fol. 61 tal-proċess.

[16] Ara a fol. 60 sa 65 tal-proċess.

[17] Ara a fol. 66 sa 68 tal-proċess.

x. **PS 6 Duncan Demicoli** ikkonferma illi r-ritratti esebiti bħala Dok. JF 1 ittieħdu minnu nhar it-18 ta' Mejju 2008;[18]

xi. **PC 1319 Matthew Xuereb** jixhed in linea ma' dak li xehdu preċedentement l-uffiċjali tal-pulizija li kienu preżenti waqt l-osservazzjoni u matul it-tfittxija fir-residenza tal-imputat;[19]

xii. Mir-relazzjoni ta' **Dr. Martin Bajada** jirriżulta illi huwa eżamina ċ-ċellulari Nokia, mudell 2100, formanti parti minn Dok. JF 4, sabiex joħroġ il-kontenut tiegħu u illi dan kien jikkontjeni biss *phonebook.*[20]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-proċeduri odjerni, l-imputat jinsab akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina, kif ukoll bil-pussess tal-mediċina DHC u dan b'referenza għat-18 ta' Mejju 2008 u s-sentejn ta' qabel din id-data.

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fit-18 ta' Mejju 2008 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons*

[18] A fol. 70 u 71 tal-proċess.
[19] A fol. 77 sa 79 tal-proċess.
[20] Ara din ir-relazzjoni a fol. 85 *et seq* tal-proċess.

*must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."
> [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-

assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn

dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta’ persuna suspettata jew arrestata ta’ aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta’ numru ta’ kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

> “(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment
>
> 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court’s case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):
>
> (a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
>
> (b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
>
> (c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
>
> (d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
>
> (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
>
> (f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
>
> (g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **<u>Ibrahim and Others v. United Kingdom</u>** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto,* jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**<u>Beuze v. Belgium</u>** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.
>
> 24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.
>
> 25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **<u>ta' Beuze v. Belgium</u>**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet <u>Malcolm Said v. Avukat Ġenerali</u>, **<u>illi ma jkunx għaqli</u>** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **<u>illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija</u>** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju

> għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Huwa evidenti wkoll, illi bħal fil-każ ta' **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, fuq ċitat, f'dan il-każ in-nuqqas li l-imputat ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi skartata l-istqarrija tal-imputat, mill-bqija tal-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, il-Qorti m'għandhiex dubju illi nhar it-18 ta' Mejju 2008, l-imputat odjern kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, liema droga huwa forna minnha lil John Stagno dakinhar stess. Il-Qorti lanqas m'għandha dubju illi l-istess imputat forna lil Stagno bid-droga eroina matul is-sentejn ta' qabel dik id-data, kif jgħid l-istess Stagno fl-istqarrija rilaxxjata minnu oriġinarjament, liema stqarrija huwa reġa' kkonfermaha kemm waqt ix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti l-għada tal-arrest tiegħu, kif ukoll f'dawn il-proċeduri.

Illi f'dan il-kuntest, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok illi fil-jum in kwistjoni, Stagno ġie osservat dieħel fir-residenza tal-istess imputat, minn fejn ħareġ ftit tal-ħin wara, fil-pussess ta' qartas b'sustanza suspettata droga eroina. Għalkemm is-sustanza misjuba fil-pussess ta' Stagno ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri u konsegwentement lanqas ma ġiet analiżżata, biss mill-provi proċesswali, il-Qorti m'għandhiex dubju illi din kienet droga eroina. Dan qed jingħad kemm għaliex Stagno stess xehed illi fil-jum in kwistjoni huwa akkwista d-droga eroina mingħand l-imputat odjern, ftit tal-mumenti qabel l-arrest tiegħu u l-arrest tal-istess imputat, kif ukoll għaliex fir-residenza tal-imputat, fejn kien għadu kif daħal ftit tal-ħin qabel, instabet proprju d-droga eroina, inkluż fi tliet iqratas ta' piżijiet tassew simili; indikazzjoni din li dawn kienu intiżi għall-ispaċċ. In oltre jirriżulta wkoll, minkejja li s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Stagno ma ġietx analiżżata, illi l-istess Stagno kien ilu jakkwista d-droga eroina mingħand l-imputat għall-perjodu ta' sentejn, ġieli darba kuljum u ġieli darba kull jumejn, skont il-flus li kien ikollu a disposizzjoni tiegħu u in oltre illi l-aħħar darba li kien xtara l-eroina mingħand l-imputat qabel il-jum in kwistjoni u anke kkunsmaha, kien proprju fil-jum ta' qabel l-arrest tiegħu ossia nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju 2008.

Illi dwar dan il-punt, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sharon O'Neil</u>**, tas-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l-"ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew*

*aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga. Fil-każ in eżami din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha b'xi mod tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, konklużjoni bbażata esklussivament fuq iż-żewġ stqarrijiet tal-appellanti.*"

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi fuq esposti, il-Qorti m'għandhiex dubju illi s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Stagno kienet proprju droga eroina u illi kienet din id-droga li l-istess Stagno kien akkwista mingħand l-imputat dakinhar tat-18 ta' Mejju 2008 u fis-sentejn ta' qabel.

Għadaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Illi naturalment la darba l-imputat qed jinstab ħati tar-reat ta' traffikar tad-droga eroina, isegwi illi fl-istess żmien huwa kellu wkoll il-pussess aggravat tal-istess droga ossia l-pussess tad-droga eroina li ma kinitx intiża biss għall-użu tiegħu. Dan huwa evidenti kemm fir-rigward tal-jum tat-18 ta' Mejju 2008, li fih kif ingħad, l-imputat instab fil-pussess ta' trab kontenenti l-eroina, effettivament ukoll fi kwantita` li tindika li dan ma kienx intiż għall-użu esklussiv tiegħu, kif ukoll fis-sentejn ta' qabel din id-data, ossia fiż-żmien meta skont ix-xhud Stagno, huwa kien jakkwista l-eroina mingħand l-istess imputat.

Għaldaqstant, anke t-tieni imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbagħad, l-imputat jinsab akkużat ukoll bil-pussess 'sempliċi' tal-mediċina DHC. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis il-konklużjonijiet raġġuni mill-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, fuq riprodotti, in kwantu relevanti għal din l-imputazzjoni, u ċioe` illi l-ħames pilloli bojod ta' *Dihydrocodeine* ta' 60 mg, huma eżentati bil-liġi, taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima III tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala reċidiv b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-31 ta' Mejju 2004. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza li ġġib l-imsemmija data fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Alexander Miruzzi) vs Keith Joseph Mallia' deċiża minn din il-Qorti kif preseduta minn dak iż-żmien il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Anthony J. Vella.[21] Minn din is-sentenza jirriżulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat

[21] A fol. 43 u 44 tal-proċess.

f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern u għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Jirriżulta wkoll mill-istess sentenza, illi l-istess imputat ġie kkundannat għal piena ta' multa ta' ħamsin ewro (€50). Mill-fedina penali tal-imputat jirriżulta illi tali piena pekunjarja ġiet imħallsa u għalhekk skontata, fl-istess jum. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-reċidiva tirriżulta ppruvata kemm in kwantu l-Artikolu 49, kif ukoll in kwantu l-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-istess imputat[22], liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar reati konnessi mal-kaċċa, reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, varji reati kontravvenzjonali, pussess 'sempliċi ta' droga eroina fi tliet okkażjonijiet, reati taħt il-Kap. 66 (illum il-Kap. 480) tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, raġġion fattasi u ħsara volontarja. Qed tqis ukoll illi l-imputat huwa reċidiv.

Tqis ukoll għal fini ta' piena, in-natura serja tal-imputazzjonijiet li tagħhom qed jinstab ħati l-istess imputat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u l-piż tat-trab kannella kontenenti d-droga eroina li nstab fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi għandhom japplikaw fil-konfront tal-istess imputat, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-Qorti ser tnaqqas il-piena applikabbli bi grad.

Il-Qorti qegħda tapplika wkoll, għal fini ta' piena, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Il-Qorti tqis in oltre illi minkejja illi din il-kawża tirrisali għas-sena 2008, id-dewmien żejjed fil-proċeduri kien dovut fil-maġġor parti tiegħu għal raġunijiet imputabbli lill-imputat jew għad-difiża. L-imputat kemm il-darba ma deherx minkejja li kien debitament notifikat bis-smiegħ, jew altrimenti ma kkomunikax mal-avukati tiegħu sabiex jippreparawlu d-difiża, jew inkella ntalab differiment mill-istess difiża għal xi raġuni jew oħra. Biss biss fuq perjodu ta' sentejn u nofs li d-difiża damet sabiex tagħlaq il-provi tagħha, l-istess difiża ma ressqet assolutament l-ebda prova.

[22] Il-fedina penali aġġornata tal-imputat baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

Illi in kwantu s-somma ta' tmien mija u ħamsa u tmenin ewro (€885) fi flus kontanti li ġew elevati mir-residenza tal-imputat, il-Qorti tqis illi ma tirriżultax il-prova filgrad rikjest mil-liġi, illi din is-somma jew tal-inqas, liema parti minnha, ġiet rikavata mill-bejgħ tad-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Keith Joseph Mallia** mhux ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva u qed tikkundannah għall-piena ta' **tnax-il xahar priġunerija** effettiva u multa ta' **disa' mitt ewro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, ammontanti għas-somma ta' erba' mija, tnejn u sebgħin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€472.38), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien tliet xhur mil-lum.[23]

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga formanti parti minn Dok. JF4 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tas-somma ta' tmien mija, ħamsa u tmenin ewro (€885) u l-*mobile phone* Nokia formanti parti minn Dok. JF 4, favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[23] Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-inkarigu espletat mill-espert Dr. Martin Bajada stante illi l-kontenut tar-relazzjoni tal-istess espert ma nċidiet bl-ebda mod fuq il-ħtija tal-imputat.